PARLIAMENT EWROPEJ

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet ċivili, Ġustizzja u Intern

LIBE_PV(2008)0131_1

MINUTI
Laqgħa tal-31 ta' Jannar 2008 mit-15.05 sas-18.30

Brussell

Il-laqgħa nfetħet fit-15.05 nhar il-Ħamis 31 ta'Jannar 2008, b`Gérard Deprez (Chairperson) jippresiedi.

1. Adozzjoni tal-Aġenda LIBE_OJ (2008)0131_1v01-00

L-aġenda ġiet adottata b' xi tibdiliet..

2. Avviżi taċ-Chairperson

- Laqgħa konġunta mal-AFET u l-KPAB nhar it-**Tnejn 18 ta' Frar 2008** fi Strasburgu għal dibattitu mas-Sur Dick Marty mill-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kwistjoni tal-"Listi Suwed" ta' organizzazzjonijiet terroristiċi.
- Laqgħa mal-Parlamenti Nazzjonali nhar it-**Tnejn 7 ta' April 2008,** għal dibattitu fuq deċiżjoni ta' qafas dwar it-terroriżmu (*rapporteur*: Mme Roselyne Lefrançois), wara l-verifika tas-sussidarjetà mwettqa fil-qafas tal-COSAC. Huma mistiedna wkoll: il-Presidenza tal-Kunsill, il-Viċi-President Frattini u l-Koordinatur tal-antiterroriżmu s-Sur de Kerchove.
- Smigħ nhar il-**Ħamis 27 ta' Marzu 2008** dwar il-kwistjoni tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti.
- Smigħ nhar **it-Tnejn 11 ta' Frar 2008** (mit-3.00 sa l-4.30 p.m.) taż-żewġ kandidati proposti mill-Kummissjoni Ewropeja għall-post ta' Direttur fl-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali.

Attribuzzjoni ta' rapporti:

- Rapport dwar marki tas-**Sigurtà u biometriċi fil-passaporti u dokumenti ta' ivvjaġġar** **EPP-ED: Carlos COELHO**

- Rapport ta' segwitu dwar ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 wara applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE **dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri** **ALDE: Adina VALEAN**

- Rapport ta' Inizjattiva (Art.114) dwar il-**Problema tal-profilazzjoni, l-aktar fuq bażi ta' etniċità u razza fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-infurzar tal-liġi, l-immigrazzjoni, u l-kontroll tad-dwana u fruntieri** **ALDE: Sarah LUDFORD**

- Rapport ta' Inizjattiva dwar "**Abbozz ta' liġi dwar id-Drittijiet rigward l-Internet"** **PSE: Stavros LAMBRINIDIS**

- Opinjoni dwar ir-"**Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2007 (dimensjoni esterna) "** **GUE/NGL : Giusto CATANIA**

- Opinjoni dwar **"Komunukazzjoni elettronika, netwerks u servizzi"** **EPP-ED: Syed KAMALL**

- Opinjoni dwar " **Komunukazzjoni elettronika, netwerks u servizzi, il-protezzjoni tal-privatezza u l-ħarsien tal-konsumatur"** **ALDE: Alexander ALVARO**

- Opinjoni dwar **"Awtorità Ewropea tas-Suq tal-Komunikazzjoni Elettrika"** **ALDE: Alexander ALVARO**

- Opinjoni dwar **"Konċentrazzjoni u Pluraliżmu fil-midja fl-Unjoni Ewropea "** **EPP-ED: Luis HERRERO-TEJEDOR**

- Opinjoni dwar **"*White paper* dwar l-isport"** **EPP-ED: Esther DE LANGE**

L-Opinjonijiet li ġejjin ma ntlaqgħux:
Opinjoni dwar il-proċedura ta' kwittanza 2006 għal

- Il-Parlament Ewropew
- Il-Kunsill,
- Il-Qorti tal-Ġustizzja,
- Il-Qorti tal-Awdituri,
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali,
- Il-Kumitat tar-Reġjuni,
- Il-Kontrollur Ewropew tal-protezzjoni tad-dejta

Dati tad-delegazzjonijiet li jmiss::

- Polonja: ġimgħa mill-31 ta' Marzu sat-3 ta' April (data eżatta għad trid tkun ikkonfermata)

- Danimarka: 10-11 April
- Ċipru: 26-27 Mejju

Deċiżjoni wara diskussjoni mnedija minn Sophie INT'VELD (*rapporteur* dwar **"L-użu tar-Rekord ta' Isem il-Passiġġier (PNR) għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi"),** appoġġjata minn Philip BRADBOURN u Alexander ALVARO: li tintalab konferma mis-servizz legali tal-PE dwar il-bażi ġuridika għall-proposta tal-"PNR" u biex tiġi organizzata stħarriġ sabiex tinkiseb aktar informazzjoni dwar is-suġġett.

3. *Green Paper* dwar l-irwol tas-soċjetà ċivili fil-politika dwar id-drogi fl-Unjoni Ewropea

LIBE/6/53597
2007/2212(INI) COM(2006)0316

Rapporteur: Giusto Catania (GUE/NGL) PR – PE400.403v01-00
Responsabbli: LIBE
Opinjonijiet: ECON – Deċiżjoni: l-ebda Opinjoni
ENVI – Deċiżjoni: l-ebda Opinjoni
ITRE – Deċiżjoni: l-ebda Opinjoni
IMCO – Deċiżjoni: l-ebda Opinjoni
FEMM – Anna Záborská (EPP-ED)

- Konsiderazzjoni tal-abbozz ta' rapport
- Deċiżjoni dwar l-iskadenza għat-tressiq tal-emendi (11/02/2008)

Ir-*rapporteur*, Giusto CATANIA, ippreżenta l-punti ewlenin tar-rapporti tiegħu waqt li enfasizza l-fatt li hu iffoka l-aktar fuq dimensjoni strutturali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi, aktar milli mexxa dibattitu politiku u ideoloġiku. Hu saħaq fuq l-importanza tal-irwol li għandha s-soċjetà ċivili fit-tfassil, it-twettiq u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar id-drogi fil-livell intern u estern.
Il-Presidenza tal-Kunsill (Ms. Maja KOCIJANČIČ) ma intervjenietx waqt li l-Kummissjoni (s-Sinjura Caroline HAGER u s-Sur Maurice GALLA) speċifikat il-kriterji użati għall-għażla tal-għaqdiet li kienu qed jieħdu sehem fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi.

Kelliema: Panayiotis DEMETRIOU, Esther DE LANGE, Roselyne LEFRANÇOIS, Marco CAPPATO, Inger SEGELSTRÖM, Alexander ALVARO.

L-iskadenza għat-tressiq tal-emendi ġiet posposta għall-11 ta' Frar 2008

4. Kooperazzjoni transkonfinali biex tiġġieled it-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali

LIBE/6/56115
* 2007/0821(CNS) 11563/2007 – C6-0409/2007

Rapporteur: Bárbara Dührkop Dührkop (PSE)
Responsabbli: LIBE

- L-ewwel skambju ta' opinjonijiet u preżentazzjoni mill-Presidenza Slovena

Robert FURMAN (Presidenza Slovena) ippreżenta d-deċiżjoni tal-implimentazzjoni dwar

Prüm, waqt li enfasizza li hi magħmula minn tliet partijiet: id-deċiżjoni tal-implimentazzjoni, l-anness u l-manwal. Dan tal-aħħar hu tekniku ħafna u se jkun riżervat għal meta d-deċiżjoni, u l-anness li fuqu l-Parlament Ewropew se jkun ikkonsultat ikunu adottati. Bárbara DÜHRKOP DÜHRKOP, ir-*rapporteur* fuq is-suġġett, għamlet xi osservazzjonijiet dwar din id-deċiżjoni waqt li rreferiet għall-opinjoni tal-EDPS u kkonfermat l-intenzjoni tiegħu li tippreżenta l-abbozz tar-rapport tagħha fil-laqgħa tal-Kumitat LIBE nhar is-27-28 ta' Frar 2008. Hi wriet ukoll xi dubji dwar l-Artikolu 18 tad-deċiżjoni implimentattiva fir-rigward tal-proċedura għall-emendar tal-Anness u talbet kjarifika dwar dan mill-Kummissjoni Ewropea. Is-Sur Verraes (Kummissjoni Ewropea) irrefera għaliha bħala proċedura "sui generis" għall-emendar tal-Anness, jiġifieri votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill bla konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Iċ-Chairperson talab tweġiba bil-miktub mingħand il-Kummissjoni Ewropea dwar dan is-suġġett. Il-Kunsill staqsa jekk tistax titneħħa r-riżerva li tpoġġiet mill-Parlament Ewropew fuq il-linja baġitarja fuq Prüm, u Bárbara DÜHRKOP DÜHRKOP wieġbet li kienet se tikkonsidraha wara li tirċievi petizzjoni formali f`dan ir-rigward.

Skadenza għat-tressiq tal-emendi: 5 ta' Marzu 2008.

Dibattitu Konġunt

5. Proċedura ta' kwittanza 2006: Baġit Ġenerali KE, Sezzjoni III - Kummissjoni

LIBE/6/53907

2007/2037(DEC) SEC(2007)1055[01] – C6-0362/2007

Rapporteur għal opinjoni: Bárbara Dührkop Dührkop (PSE) PA – PE400.463v01-00

Responsabbli: CONT – Dan Jørgensen (PSE)

6. Proċedura ta' kwittanza 2006: Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għar-Razziżmu u l-Ksenofobija

LIBE/6/53862

2007/2049(DEC) SEC(2007)1055[13] – C6-0374/2007

Rapporteur għal opinjoni: Bárbara Dührkop Dührkop (PSE) PA – PE400.459v01-00

Responsabbli: CONT – Hans-Peter Martin (NI)

7. Proċedura ta' kwittanza 2006: Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)

LIBE/6/53864

2007/2050(DEC) SEC(2007)1055[14] – C6-0375/2007

Rapporteur għal opinjoni: Bárbara Dührkop Dührkop (PSE) PA – PE400.460v01-00

Responsabbli CONT – Hans-Peter Martin (NI)

8. Proċedura ta' kwittanza 2006: Eurojust

LIBE/6/53874
2007/2055(DEC) SEC(2007)1055[19] – C6-0380/2007

Rapporteur għal opinjoni: Bárbara Dührkop Dührkop (PSE) PA – PE400.461v01-00
Responsabbli: CONT – Hans-Peter Martin (NI)

9. Proċedura ta' kwittanza 2006: Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)

LIBE/6/53890
2007/2063(DEC) SEC(2007)1055[27] – C6-0388/2007

Rapporteur għal opinjoni: Bárbara Dührkop Dührkop (PSE) PA – PE400.462v01-00
Responsabbli:: CONT – Hans-Peter Martin (NI)

10. Proċedura ta' kwittanza 2006: Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex)

LIBE/6/54052
2007/2214(DEC) SEC(2007)1055[28] – C6-0389/2007

Rapporteur għal opinjoni: Bárbara Dührkop Dührkop (PSE) PA – PE400.473v01-00
Responsabbli: CONT – Hans-Peter Martin (NI)

Bárbara DÜHRKOP DÜHRKOP ippreżentat is-sitt abbozzi ta' opinjonijiet tagħha dwar il-proċedura ta' kwittanza 2006 tal-baġit tal-Kummissjoni u tal-ħames aġenziji li għalihom LIBE hi responsabbli. L-akbar preokkupazzjoni tagħha hu l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, li r-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwaru ma kienx kollu kemm hu pożittiv. Ser tintbagħat ittra lill-aġenzija sabiex tintalab kjarifika.

Kelliema: Alexander ALVARO u Gérard DEPREZ.

Skadenza għat-tressiq tal-emendi: it-12 ta' Frar 2008 u l-vot fil-LIBE se jittieħed fis-27-28 ta' Frar.

11. Rapport mill-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin

LIBE/6/56531
2007/2262(INI) COM(2007)0299

Rapporteur: Jean Lambert (Verts/ALE)
Responsabbli: LIBE

- L-ewwel skambju ta' ideat u preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Sar l-ewwel skambju propju ta' ideat dwar dan is-suġġett.

Qabelxejn, iċ-Chairperson Gérard DEPREZ għadda l-kelma lir-rappreżentanta tal-

Kummissjoni, is-Sinjura Angela MARTINI. Hi ppreżentat fuq linji ġenerali r-rapport magħmul mill-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin. Hi fakkret li invista tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni kkonsultat organizzazzjonijiet bħall-ECRE u l-UNHCR. Hi semmiet diversi kwistjonijiet hekk kif identifikati fir-rapport. Fost dawk: l-Istati Membri (SM) għandhom jikkunsidraw l-aħjar interess tat-tifel/tifla ; detenzjoni ta' persuni (adulti, tfal) bil-għan ta' trasferiment lejn xi SM ieħor għandha tittieħed bħala l-aħħar mezz, meta jkun hemm riskju *tassew* ta' ħarba; ma tistax issir fuq bażi sistematika, għandha tkun l-aħħar mezz. Hi fakkret ukoll li llum saret is-sottomissjoni (tal-każ) tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ tal-proċedura fil-kontravenzjoni kontra l-Greċja. Hi fakkret ukoll fil-qosor il-prinċipju tan-*non refoulement* u tal-*burden sharing*. Hi semmiet li l-Kummissjoni qed tistenna bil-ħerqa sabiex taqra r-rapport tal-PE mill-aktar fis possibbli, biex il-Kummissjoni tkun tista' tikkunsidrah fil-proposti leġislattivi tagħha li ser tagħmel.

Ir-*rapporteur* Jean LAMBERT qam biex jitkellem u fakkar li wieħed m`għandux jinsa li l-Konvenzjoni ta' Dublin turi kif in-nies għandhom jiġu protetti u ma turi xejn dwar kontroll ta' fruntieri; hu semma wkoll li hemm kwistjonijiet dwar kif għandhom ikunu trattati t-tfal taħt dan is-sistema.

Kompliet diskussjoni fost il-membri. Preokkupazzjonijiet dwar il-Protezzjoni tad-dejta u preokkupazzjonijiet dwar l-affidabilità tas-sistema "Eurodac" kienu espressi minn Sarah LUDFORD. Imbagħad Claudio FAVA qam biex jitkellem, imħasseb dwar il-fatt li l-kustodja amministrattiva hi fil-fatt tassew ħabs għan-nies fiċ-ċentri. Patrick GAUBERT ukoll qam u tkellem, waqt li semma problemi varji tal-Konvenzjoni ta' Dublin, u inkoraġġixxa lill-Istati Membri sabiex jaħsbu bil-quddiem għal miżuri alternattivi għad-detenzjoni.

Fl-aħħar, Angela MARTINI żiedet xi preċiżazzjonijiet.

Il-Presidenza ma kellha xejn x'iżżid.

12. Persuni nieqsa f'Ċipru – Segwitu għar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007

LIBE/6/57180
2007/2280(INI)

Rapporteur: Ewa Klamt (EPP-ED)
Responsabbli: LIBE

Il-Kumitat ipproċeda għall-ewwel skambju ta' opinjonijiet fuq bażi ta' abbozz ta' rapport minn Ewa KLAMT dwar persuni nieqsa f'Ċipru (disponibbli biss bl-Ingliż), bħala segwitu għar-Riżoluzzjoni adottata mill-Parlament fil-15 ta' Marzu 2007. Iż-żewġ kelliema li qamu jitkellmu (Panayiotis DEMETRIOU u Yiannakis MATSIS) żammew mal-linja ta' ħsieb li ħa r-*rapporteur,* li talab biex titkompla l-għajnuna baġitarja lill-Kumitat dwar Persuni Nieqsa u faħħar xogħlu, li dan ukoll juri interess qawwi għar-rikonċiljazzjoni bejn iż-żewġ kommunitajiet fuq il-gżira.

It-tieni skambju ta' opinjonijiet se jsir fis-26/27 ta' Frar bl-iskadenza għat-tressiq tal-emendi, il-5 ta' Marzu u l-vot fil-Kumitat għas-26/27 ta' Marzu, u fil-plenarja f`April 2008.

13. Djalogu Pubbliku – Privat dwar Riċerka tas-Sigurtà u Innovazzjoni

LIBE/6/58535

- Skambju ta' opinjonijiet u l-preparazzjoni ta' riżoluzzjoni tal-għeluq.

L-għan hu sabiex wieħed jikkonvinċi lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fuq il-ħtieġa ta' qbil inter-istituzzjonali dwar l-użu ta' mekkaniżmu fi transizzjoni għal xi ċertu numru ta' *dossiers* li ser ikunu b`ko-deċiżjoni taħt it-trattat il-ġdid, sabiex ilestuhom sa l-aħħar tal-leġislatura.

IL-President Gérard DEPREZ qal li għandu mnejn jippreżenta abbozz ta' riżoluzzjoni lill-Kumitat tal-LIBE nhar il-11 ta' Frar. Kolazzjon waqt ix-xogħol ser jinżamm nhar l-14 ta' Frar mar-rappreżentanti tat-tliet presidenzi tal-Kunsill sabiex jitħejja l-programm li se jaħdmu fuqu.

Claudio FAVA beda jitkellem sabiex jiġbed l-attenzjoni fuq *dossiers* li huma partikolarment sensittivi bħal PNR, it-terroriżmu, il-ħaddiema bi kwalifiki għoljin, l-immigrazzjoni eċċ.

L-abbozz tar-Riżoluzzjoni għandu jkun adottat fil-Kumitat LIBE fis-27 ta' Frar (ġurnata qabel il-Kunsill JAI u vvutat fil-Plenarja f'Marzu 2008.

14. Dibattitu Annwali dwar Progress fl-2007 lejn it-twaqqif ta' Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

LIBE/6/54836

Fil-kwalità tiegħu bħala *rapporteur* permanenti dwar materji u rappreżentanzi fil-PE fi ħdan l-ESRIF, Stavros LAMBRINIDIS staqsa għal aġġornament tal-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni u informazzjoni dwar l-iżvilupp tax-xogħol tal-ESRIF sa mill- 11/09/2007. Hu qajjem ukoll l-impenn, l-ewwelnett, sabiex jiddeterminaw kriterji u t-tieni sabiex jadattaw teknoloġiji.

Is-Sur BENTO SILVA (EC, DG JLS) u s-Sur SMET (EC, DG ENTR) fakkru li l-għan tal-ESRIF hu biex tiddefinixxi viżjoni strateġika li ġġib flimkien il-ħtiġiet tagħna f'dak li hu sigurtà, is-sistema tagħna ta' valuri (drittijiet fundamentali) u l-potenzjal tal-industrija Ewropea f`dan ir-rigward. Din il-viżjoni strateġika tidher l-aktar mill-ħolqien, fi ħdan l-ESRIF, ta' "kumitat ta' integrazzjoni" immexxi minn Gies DE VRIES, li għandu jikkoordina x-xogħol tad-diversi gruppi ta' xogħlijiet u jwassal għal rapport finali fl-2009.

Wara l-preżentazzjoni tagħhom, ir-*rapporteur* permanenti Stavros LAMBRINIDIS issuġġerixxa li l- *Privacy Workshop"* għandu jkun fuq kwistjoni orizzontali, preokkupazzjoni permanenti u mhux magħluqa biss għal workshop wieħed biss; Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni se jressqu dan is-suġġeriment quddiem il-Bord tal-ESRIF.

15. ПРИСЪСТВЕН ЛИСТ/LISTA DE ASISTENCIA/PREZENČNÍ LISTINA/DELTAGERLISTE/ ANWESENHEITSLISTE/KOHALOLIJATE NIMEKIRI/ΚΑΤΑΣΤΑΣΗ ΠΑΡΟΝΤΩΝ/RECORD OF ATTENDANCE/ LISTE DE PRÉSENCE/ELENCO DI PRESENZA/APMEKLĒJUMU REĢISTRS/DALYVIŲ SĄRAŠAS/JELENLÉTI ÍV/ REĠISTRU TA' ATTENDENZA/PRESENTIELIJST/LISTA OBECNOŚCI/LISTA DE PRESENÇAS/LISTĂ DE PREZENȚĂ/ PREZENČNÁ LISTINA/SEZNAM NAVZOČIH/LÄSNÄOLOLISTA/DELTAGARLISTA

Бюро/Mesa/Předsednictvo/Formandskabet/Vorstand/Juhatus/Προεδρείο/Bureau/Ufficio di presidenza/Prezidijs/Biuras/Elnökség/ Prezydium/Birou/Predsedníctvo/Predsedstvo/Puheenjohtajisto/Presidiet (*)
Gérard Deprez (P), Philip Bradbourn (VP), Stavros Lambrinidis (VP), Kinga Gál (VP), Giusto Catania (VP)
Членове/Diputados/Poslanci/Medlemmer/Mitglieder/Parlamendiliikmed/Μέλη/Members/Députés/Deputati/Deputāti/Nariai/Képviselõk/ Membri/Leden/Posłowie/Deputados/Deputaţi/Jäsenet/Ledamöter
Alexander Alvaro, Mihael Brejc, Carlos Coelho, Panayiotis Demetriou, Bárbara Dührkop Dührkop, Claudio Fava, Armando França, Urszula Gacek, Patrick Gaubert, Ewa Klamt, Roselyne Lefrançois, Esther De Lange, Sarah Ludford, Rareş-Lucian Niculescu, Martine Roure, Luciana Sbarbati, Inger Segelström, Csaba Sógor, Ioannis Varvitsiotis, Renate Weber, Tatjana Ždanoka
Заместници/Suplentes/Náhradníci/Stedfortrædere/Stellvertreter/Asendusliikmed/Αναπληρωτές/Substitutes/Suppléants/Supplenti/ Aizstājēji/Pavaduojantys nariai/Póttagok/Sostituti/Plaatsvervangers/Zastępcy/Membros suplentes/Supleanţi/Náhradníci/Namestniki/ Varajäsenet/Suppleanter
Edit Bauer, Marco Cappato, Evelyne Gebhardt, Genowefa Grabowska, Ignasi Guardans Cambó, Sophia in 't Veld, Syed Kamall, Jean Lambert, Marian-Jean Marinescu, Antonio Masip Hidalgo, Nicolae Vlad Popa, Herbert Reul, Rainer Wieland

178 (2)
183 (3)
Yiannakis Matsis
46 (6) (Точка от дневния ред/Punto del orden del día/Bod pořadu jednání (OJ)/Punkt på dagsordenen/Tagesordnungspunkt/Päevakorra punkt/Ημερήσια Διάταξη Σημείο/Agenda item/Point OJ/Punto all'ordine del giorno/Darba kārtības punkts/Darbotvarkės punktas/ Napirendi pont/Punt Aġenda/Agendapunt/Punkt porządku dziennego/Ponto OD/Punct de pe ordinea de zi/Bod programu schôdze/ Točka UL/Esityslistan kohta/Föredragningslista punkt)

31/01/2008

По покана на председателя/Por invitación del presidente/Na pozvání předsedy/Efter indbydelse fra formanden/Auf Einladung des Vorsitzenden/Esimehe kutsel/Με πρόσκληση του Προέδρου/At the invitation of the Chair(wo)man/Sur l'invitation du président/Su invito del presidente/Pēc priekšsēdētāja uzaicinājuma/Pirmininkui pakvietus/Az elnök meghívására/Fuq stedina taċ-'Chairman'/Op uitnodiging van de voorzitter/Na zaproszenie Przewodniczącego/A convite do Presidente/La invitaţia preşedintelui/Na pozvanie predsedu/Na povabilo predsednika/Puheenjohtajan kutsusta/På ordförandens inbjudan

Съвет/Consejo/Rada/Rådet/Rat/Nõukogu/Συμβούλιο/Council/Conseil/Consiglio/Padome/Taryba/Tanács/Kunsill/Raad/Conselho/Consiliu/Svet/Neuvosto/Rådet (*)
Pensaert Council Presidency: Furman, Kocijančič
Комисия/Comisión/Komise/Kommissionen/Kommission/Euroopa Komisjon/Επιτροπή/Commission/Commissione/Komisija/Bizottság/Kummissjoni/Commissie/Komisja/Comissão/Comisie/Komisia/Komissio/Kommissionen (*)
Amici, Beczala, Bento Silva, Boerwinkel, Deka, Djemni Wagner, Dobo, Ferraro, Gallá, Hager, Knechciak, Martini, Nosko, Smet, Verraes
Други институции/Otras instituciones/Ostatní orgány a instituce/Andre institutioner/Andere Organe/Muud institutsioonid/Άλλα θεσμικά όργανα/Other institutions/Autres institutions/Altre istituzioni/Citas iestādes/Kitos institucijos/Más intézmények/Istituzzjonijiet ohra/Andere instellingen/Inne instytucje/Outras Instituições/Alte instituţii/Iné inštitúcie/Druge institucije/Muut toimielimet/Andra institutioner/organ

Council of Europe	Nycielius

Други участници/Otros participantes/Ostatní účastníci/Endvidere deltog/Andere Teilnehmer/Muud osalejad/Επίσης Παρόντες/Other participants/Autres participants/Altri partecipanti/Citi klātesošie/Kiti dalyviai/Más résztvevők/Parteċipanti ohra/Andere aanwezigen/Inni uczestnicy/Outros participantes/Alţi participanţi/Iní účastníci/Drugi udeleženci/Muut osallistujat/Övriga deltagare
Bennett, Kaniski, Klemen Selan, Knott, Schröder (German Bundestag), Sylvan
Секретариат на политическите групи/Secretaría de los Grupos políticos/Sekretariát politických skupin/Gruppernes sekretariat/Sekretariat der Fraktionen/Fraktsioonide sekretariaat/Γραμματεία των Πολιτικών Ομάδων/Secretariats of political groups/Secrétariat des groupes politiques/Segreteria gruppi politici/Politisko grupu sekretariāts/Frakcijų sekretoriai/Képviselőcsoportok titkársága/Segretarjat gruppi politiċi/Fractiesecretariaten/Sekretariat Grup Politycznych/Secr. dos grupos políticos/Secretariate grupuri politice/Sekretariát politických skupín/Sekretariat političnih skupin/Poliittisten ryhmien sihteeristöt/Gruppernas sekretariat

PPE-DE	Alvargonzalez Figaredo, Speiser
PSE	Eggerder, Sisättö
ALDE	Marzocchi, Rasmussen
Verts/ALE	Robert, Sidenius
GUE/NGL	Stavinoha, Tamburini
IND/DEM	
UEN	Locati, Mazzotti
ITS	
NI	

Кабинет на председателя/Gabinete del Presidente/Kancelář předsedy/Formandens Kabinet/Kabinett des Präsidenten/Presidendi kantselei/Γραφείο Προέδρου/President's Office/Cabinet du Président/Gabinetto del Presidente/Priekšsēdētāja kabinets/Pirmininko kabinetas/Elnöki hivatal/Kabinett tal-President/Kabinet van de Voorzitter/Gabinet Przewodniczącego/Gabinete do Presidente/ Cabinet Preşedinte/Kancelária predsedu/Urad predsednika/Puhemiehen kabinetti/Talmannens kansli	
Кабинет на генералния секретар/Gabinete del Secretario General/Kancelář generálního tajemníka/Generalsekretærens Kabinet/ Kabinett des Generalsekretärs/Peasekretäri büroo/Γραφείο Γενικού Γραμματέα/Secretary-General's Office/Cabinet du Secrétaire général/Gabinetto del Segretario generale/Ģenerālsekretāra kabinets/Generalinio sekretoriaus kabinetas/Főtitkári hivatal/Kabinett tas-Segretarju Ġenerali/Kabinet van de secretaris-generaal/Gabinet Sekretarza Generalnego/Gabinete do Secretário-Geral/Cabinet Secretar General/Kancelária generálneho tajomníka/Urad generalnega sekretarja/Pääsihteerin kabinetti/Generalsekreterarens kansli	
Генерална дирекция/Dirección General/Generální ředitelství/Generaldirektorat/Generaldirektion/Peadirektoraat/Γενική Διεύθυνση/ Directorate-General/Direction générale/Direzione generale/Ģenerāldirektorāts/Generalinis direktoratas/Főigazgatóság/Direttorat Ġenerali/Directoraten-generaal/Dyrekcja Generalna/Direcção-Geral/Direcţii Generale/Generálne riaditeľstvo/Generalni direktorat/ Pääosasto/Generaldirektorat	
DG PRES	Balazic
DG IPOL	Antoine-Gregoire, Davoli, Kralikova
DG EXPO	
DG INFO	Andrés Marin, Chatain
DG PERS	
DG IFIN	
DG TRED	
DG FINS	
Правна служба/Servicio Jurídico/Právní služba/Juridisk Tjeneste/Juristischer Dienst/Õigusteenistus/Νομική Υπηρεσία/Legal Service/ Service juridique/Servizio giuridico/Juridiskais dienests/Teisės tarnyba/Jogi szolgálat/Servizz legali/Juridische Dienst/Wydział prawny/ Serviço Jurídico/Serviciu Juridic/Právny servis/Pravna služba/Oikeudellinen yksikkö/Rättstjänsten	
Auersperger Matic, Barros	
Секретариат на комисията/Secretaría de la comisión/Sekretariát výboru/Udvalgssekretariatet/Ausschusssekretariat/Komisjoni sekretariaat/Γραμματεία επιτροπής/Committee secretariat/Secrétariat de la commission/Segreteria della commissione/Komitejas sekretariāts/Komiteto sekretoriatas/A bizottság titkársága/Segretarjat tal-kumitat/Commissiesecretariaat/Sekretariat komisji/ Secretariado da comissão/Secretariat comisie/Sekretariat odbora/Valiokunnan sihteeristö/Utskottssekretariatet	
De Capitani, Salmon, Banka, Calers, Dumitrache, Ilario, Lamberty, Nemoz-Hervens, Serzane, Sudova	
Сътрудник/Asistente/Asistent/Assistent/Assistenz/Βοηθός/Assistant/Assistente/Palīgs/Padėjėjas/Asszisztens/Asystent/Pomočnik/ Avustaja/Assistenter	
Götz, Rodrigues	

* (P) = Председател/Presidente/Předseda/Formand/Vorsitzender/Esimees/Πρόεδρος/Chair(wo)man/Président/Priekšsēdētājs/Pirmininkas/ Elnök/'Chairman'/Voorzitter/Przewodniczący/Preşedinte/Predseda/Predsednik/Puheenjohtaja/Ordförande
(VP) = Заместник-председател/Vicepresidente/Místopředseda/Næstformand/Stellvertretender Vorsitzender/Aseesimees/Αντιπρόεδρος/ Vice-Chair(wo)man/Vice-Président/Priekšsēdētāja vietnieks/Pirmininko pavaduotojas/Alelnök/Viċi 'Chairman'/Ondervoorzitter/ Wiceprzewodniczący/Vice-Presidente/Vicepreşedinte/Podpredseda/Podpredsednik/Varapuheenjohtaja/Vice ordförande
(M) = Член/Miembro/Člen/Medlem./Mitglied/Parlamendiliige/Μέλος/Member/Membre/Membro/Deputāts/Narys/Képviselő/ Membru/Lid/Członek/Membro/Membru/Člen/Poslanec/Jäsen/Ledamot
(F) = Длъжностно лице/Funcionario/Úředník/Tjenestemand/Beamter/Ametnik/Υπάλληλος/Official/Fonctionnaire/Funzionario/ Ierēdnis/Pareigūnas/Tisztviselő/Uffiċjal/Ambtenaar/Urzędnik/Funcionário/Funcţionar/Úradník/Uradnik/Virkamies/Tjänsteman